# 55. Żewġ Bnedmin

Kull min jarani jaħseb illi jiena
jien bniedem wieħed, u mhux żewġ bnedmin;
iżda jien tnejn: wieħed Bniedem il-Ħjiena,
l-ieħor Bniedem it-Tjieba, ma' xulxin;

Bniedem it-Tjieba li l-għamil tal-ħniena
iħobb idomm bħal ħafna ġiżimin;
Bniedem il-Ħjiena li t-tgħawiġ u ntiena
għandu għal qalbu ta' dnubiet faħxin.

Biex jieħdu lil xulxin ħakmiet ir-rieda
tiegħi jissieltu biċ-ċarċir tad-dmija;
min minnhom fl-aħħarnett se jkun rebbirħ

Jiena ma nafx, naf biss li minn dil-ġlieda
inħossni nfnejt, inħoss qalbi mbikkija
bħal qasba tingħi 'l hawn u 'l hemm mar-riħ!